MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru 198/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**AZIZ MOHAMED**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Aziz Mohamed ta' 24 sena, bin Aziz u Fatima, mwieled f' Kurdistan Syria nhar is- 6 ta' Gunju 1986, residenti Hal-Safi centru maghluq u detentur tan- numru tal- Pulizija 10GA-048

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid- 9 ta' Jannar 2011 kif ukoll fix- xhur ta' qabel, fi Floriana Malta, ikkommetta harba meta hu kien fil-kustodja tal- persuni li huma nkarigati mill- kustodja tieghu, u dan bi ksur tal- Artikolu 151 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Il-Qorti tifhem li d-detenzjoni f'centru jista' jkun frustranti hafna ghal kwalunkwe persuna li titlaq minn pajjizha biex tfittex hajja ahjar f'pajjiz iehor, izda qatt ma tista' tiggustifika li persuna tiehu l-ligi b'idejha u tahrab mil-kustodja tal-awtoritajiet, aktar u aktar meta l-istess awtoritajiet jaghmlu minn kollox ma' dik l-istess persuna biex tinghata l-assistenza kollha mehtiega. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li l-piena li ghandha tinghata hi dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 151 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------